— timponi fuq ir-Repubblika Slovakka, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, multa minħabba in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li tinnotifika l-miżuri adottati sabiex tikkonforma d-dritt intern tagħha mad-Direttiva 2008/98/KE, għall-ammont ta' EUR 17 136 kuljum sa mid-data tal-pubblikazzjoni tas-sentenza mogħtija f'din il-kawża;

— tikkundanna lir-Repubblika Slovakka għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/98 skada fit-12 ta' Diċembru 2010.

(1) ĠU L 312, 22.11.2008 p. 3.

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-308/12)**

(2012/C 273/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Hetsch, D. Düsterhaus u K. Herrmann, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi ma implementatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tittrasponi d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (1) u fi kwalunkwe każ billi ma nnotifikatx lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 40(1) ta' din id-direttiva;

— timponi fuq ir-Repubblika tal-Polonja, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, pagamenti ta' penalità perijodiċi minħabba nuqqas li twettaq l-obbligu tagħha li tinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri li jittrasponu d-Direttiva 2008/98/KE, b'rata ta' EUR 67 314,24 kuljum b'effett mid-data li fiha ngħatat is-sentenza f'din il-kawża;

— tordna lir-Republikka tal-Polonja tbati l-ispejjeż tal-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-perijodu li fih kellha tiġi trasposta d-Direttiva 2008/98/KE skada fit-12 ta' Diċembru 2010.

(1) ĠU L 312, p. 3.